MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Numru. 1179/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Clara Azzopardi Tomasuolo**

Kumpilazzjoni Nru: 1179/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Clara Azzopardi Tomasulo ta' 31 sena, mart Ray Moses Azzopardi, bint Marco Tomasuolo u Margaret nee' Aquilina, imwielda Attard, fit-18 ta' Frar, 1979 u li toqghod fil-fond numru 111, Twilight, Triq Patri Guzeppi Calleja, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 99379 (M).

Akkuzata talli fil-2010 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet different, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Ruth Azzopardi (karta ta' identita numru 288290 M);

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghalija jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2,329.37) liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-detriment ta' Ruth Azzopardi (karta ta' identita numru 288290 M), u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

3. U aktar talli, fl-istess dat, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggighel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn, u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centemzu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Maria Claudia Azzopardi (karta ta' identita numru 168092M)

4. u aktar talli fl-istess dat, lokalitajiet u cirkostanzi appropjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u

sebgha u tlettin centezmu (€2329.27), liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-detriment ta’ Maria Claudia Azzopardi (karta ta’ identita numru 168092M), u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imutazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-koperazzjoni ta’l-imputata mal-pulizija u l-ammissjoni taghha f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali taghha li hija netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u taghhom tikkundannaha tlettax (13) il-xahar prigunerija li

b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ tlett snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H ta’l-istess Kapitolu 9 il-Qorti qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur thallas l-ammont ta’ disa’ telef Euro (€9,000) lil Ruth Azzopardi u l-ammont ta’ elf Euro (€1,000) lil Maria Claudia Azzopardi fuq imsemmijin.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------